MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2008

Citazzjoni Numru. 443/2007

**A B**
**vs**
**C D; id-Direttur tar-Registru Pubbliku u l-Avukat Dottor Richard Sladden u l-Prokuratur Legali Liliana Buhagiar nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-minuri E D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

1. Illi l-esponent kellu relazzjoni mal-intimata C D, liema relazzjoni damet hames snin;

2. Illi minn din ir-relazzjoni twieled il-minuri E D fl-10 ta' Jannar 2004;

3. Illi mill-att ta' twelid tal-minuri E D jirrizulta illi fil-kolonna ta' "Isem u Kunjom Missier it-Tarbija" gew registrati l-kelmiet "unknown father" ossia "mhux maghruf" (Dokument RZ1);

4. Illi madanakollu, l-intimata C D dejjem irrikonoxxiet lir-rikorrent bhala missier il-minuri E D, taghtu access sabiex jara lill-istess minuri u r-rikorrent hallas manteniment lill-intimata C D ghall-istess minuri;

5. Illi inoltre l-paternita' bijologika tal-esponent giet konfermata bhal dubju meta l-esponent u l-intimata C D issottomettew ruhhom ghat-testijiet kif jirrizulta mill-anness rapport (Dokument RZ2);

6. Illi ai termini tal-artikolu 86 tal-Kodici Civili, l-esponent ipprezenta ittra ufficjali fit-30 ta' Novembru 2006, liema ittra giet notifikata lill-intimata C D, izda l-intimata naqset li tipprezenta fl-att ta' l-istess ittra ufficjali nota ta' qbil dwar ir-rikonoxximent tal-minuri E fi zmien koncess mil-ligi (Dokument RZ3);

7. Illi l-intimata fil-fatt qed toggezzjona li jkun hemm rikonoxximent da parti tal-esponenti ghall-minuri ibnu E;

8. Illi l-esponenti jixtieq illi jaghraf lil dan ibnu minuri u jixtieq jirregistra dan it-taghrif tieghu;

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet fuq esposti jghidu ghalhekk l-intimati ghaliex m' ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara li l-esponenti huwa l-missier naturali u bijologiku tal-minuri E D;

2. Konsegwentement tordna li ssir il-korrezzjoni fl-Att tat-Twelid tal-minuri E D u fejn hemm indikat "Isem u Kunjom Missier it-Tarbija", il-kliem "unknown father" jigu sostitwiti bil-kliem A B;

Bl-ispejjez kontra l-intimati li minn issa huma ingunti in subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati li biha eccepew li, f’ dak l-istadju, huma ma kienux ghadhom edotti bil-fatti tal-kaz;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li biha eccepixxa:

1. Illi preliminarjament fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fir-rikors guramentat u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluz dawk it-testijiet xjentifici necessarji, ghal gudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrent ghandu jispecifika d-dettalji personali kollha tieghu sabiex jekk it-talbiet dedotti fir-rikors guramentat jintlaqghu, dawn id-dettalji ikunu jistghu jigu inseriti fl-Att tat-Twelid in kwistjoni flimkien mad-dettalji l-ohra.

3. Illi n-numru progressiv ta’ iskrizzjoni ta’ l-Att tat-Twelid ghandu jigi specifikat fit-talbiet.

4. Illi ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta’ l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

5. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas tal-konvenut li ghaldaqstant m’ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta’ l-istanti.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuta C D li biha eccepiet li t-talba ta’ l-attur ma kinitx fondata peress li “l-attur qatt ma effettivament irrikonoxxa lill-minuri” u kien jghid li t-tarbija ma kinitx tieghu;

Rat ir-rapport xjentifiku ta’ l-Analista Christopher Farrugia u tal-Ispizjara Marisa Cassar, minnhom mahluf;

Rat l-Avviz ippubblika fil-Gazzetta tal-Gvern fit-termini ta' l-artikolu 254 tal-Kap.16;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob dikjarazzjoni minn din il-Qorti li t-tifel E li twieled fl-10 ta' Jannar 2004 mill-konvenuta C D, huwa l-wild naturali tieghu;

Illi minn naha taghha, l-konvenuta C D, ghalkemm fin-nota ta' l-eccezzjonijiet taghha issostni li t-talba attrici hija nfondata, fl-affidavit estensiv taghha hi taccetta li l-minuri E huwa wild li twieled minn relazzjoni li hi kellha ma' l-attur.

Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet, li mhumiex mizzewgin, bdew relazzjoni bejniethom fit-13 ta' April 2002; fil-15 ta' April 2003 C D harget tqila u fl-10 ta' Jannar 2004 twieled it-tifel E.  Jirrizulta li kemm matul it-tqala, kif ukoll wara t-twelid tat-tifel, ir-relazzjoni ta' bejniethom irriskontrat diversi turbulenzi, bir-rizultat li f' Lulju 2007 ir-relazzjoni giet defentittivament terminata.

Illi l-attur jsostni li kienet il-konvenuta D li, kontra x-xewqa espressa tieghu, rregistrat fuq l-Att tat-Twelid tat-tifel [251/2004] li l-missier ma kienx maghruf;  filwaqt li minn naha taghha, l-istess konvenuta tinsisti li kien l-attur u ommu li ma riedux li jissemma l-attur fuq l-att tat-twelid.

Illi mir-rapport xjentifiku jirrizulta li l-missier naturali u bijologiku tat-tifel E huwa l-attur A B.

Dan premess u kkunsidrat it-talbiet attrici huma gustifikati u jimmeritaw li jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi:

Tilqa' t-talbiet tar-rikorrent; u tiddikjara li l-attur A B huwa l-missier naturali u bijologiku tal-minuri E D li twieled fl-10

ta’ Jannar 2004; u konsegwenzjalment tordna li l-Att tat-Twelid tat-tifel jigi korrett fis-sens li l-kliem “unknown father” jigu kancellati u jigu sostitwiti bl-isem “A B” u l-konnotati tieghu.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati konguntivament miz-zewg partijiet fi kwoti wgwali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------